**Konsultazzjoni pubblika - Prostituzzjoni u traffikar ta' persuni**

**31 ta' Ottubru 2019**

**Alternattiva Demokratika – The Green Party**

**www.alternattiva.org.mt - info@alternattiva.org.mt**

Filwaqt li AD tilqa' diskussjoni profonda u matura dwar il-prostituzzjoni u t-traffikar tal-persuni, nħossu li għalkemm hemm temi li huma komuni kemm għall-prostituzzjoni kif ukoll għat-traffikar tal-persuni, kien ikun aħjar kieku t-traffikar tal-persuni jiġi diskuss u eżaminat fid-dettall separatament mill-prostituzzjoni.

## Traffikar tal-persuni

Minnu nnifsu t-traffikar imur kontra l-awto-determinazzjoni tal-persuni, anke jekk it-traffikar ikun għal skopijiet oħra, bħal per eżempju għal xogħol furzat u mhux neċessarjament għal skopijiet ta' prostituzzjoni furzata. Il-ġlieda kontra t-traffikar tal-persuni teħtieġ koperazzjoni internazzjonali. Teħtieġ ukoll politika komuni tal-Unjoni Ewropea dwar il-migrazzjoni. Malta għandha tieħu inizjattivi biex l-Unjoni Ewropea tasal għal politika komuni f'dal-qasam. Politika ta' ażil komuni toħloq sistema ġusta ta' migrazzjoni, u għandha tkun ibbażata fuq is-solidarjeta' bil-fatti bejn l-istati membri. Mhux aċċettabbli li l-istati tal-fruntiera jġorru r-responsabilita' kollha.

## Prostituzzjoni

Il-politika dwar il-prostituzzjoni għandha tiffoka fuq il-kunċett msejjaħ *harm reduction*. Forom ta' prostituzzjoni, jew sess għall-flus, dejjem eżistew u jibqgħu jeżistu. L-importanti huwa li l-istat jipprovdi servizzi u mezzi biex min irid jieqaf isib l-għajnuna kollha meħtieġa biex dan ikun jista' jsir. Huwa importanti ħafna wkoll li dawk sfurzati jipprostitwixxu ruħhom, minn l-hekk imsejħa 'pimps', isibu l-kenn u l-mezzi biex jaħarbu mill-iskjavitu'. Sess bejn persuni adulti li ma' jkunx konsenswali għandu jitqies bħala vjolenza jew skjavitu sesswali. Qed jikber ukoll il-fenomenu tal-użu tal-internet għal servizzi sesswali, forma ta'prostituzzjoni diġitali. Għaldaqstant lanqas hemm soluzzjoni waħda. Lanqas ma' jfisser li kull min jiddeċiedi li jirrikorri għall-prostituzzjoni għandu jiġi b'xi mod meqjus bħala kriminal jew stigmattizat. Mhux kulħadd neċessarjament irid jew għandu bżonn l-għajnuna. Ir-riżorsi għandhom jintużaw biex dawk l-aktar vulnerabbli jsibu l-għajnuna meħtieġa.

Il-legalizazzjoni tal-briedel f'pajjiżi bħall-Ġermanja[1] u l-Olanda[2] ġabet magħha problemi ta' traffikar ta' persuni u prostituzzjoni fuq skala kummerċjali. Il-legalizazzjoni tilleġitimizza l-pimps u wasslet għal politika li tiffoka fuq l-industrija tas-sess minflok fuq il-bżonnijiet u l-interessi tal-prostituti. Barra minn hekk dawk barra mill-industrija "legalizzata" jispiċċaw fil-marġini tas-soċjeta'.

[1] https://www.infomigrants.net/en/post/15723/germany-nigerian-women-at-growing-risk-from-traffickers
[2] https://ec.europa.eu/anti-trafficking/member-states-0/Netherlands_en

Jisemma l-Mudell Nordiku. Għalkemm dan il-mudell jista' jidher li jgħin lill-prostituti billi jikkriminalizza lill-klijenti tal-prostituti, dan il-mudell filfatt jagħti saħħa kbira lill-klijent fil-konfront tal-prostituti. L-esperjenza Nordika wriet li prostituti jispiċċaw ikollhom jaċċettaw ir-rikatti tal-klijenti tagħhom, billi jibżgħu jitolbu l-għajnuna għax jibżgħu li jkunu mġielgħa jikxfu min huma l-klijenti tagħhom. Ir-riżorsi jispiċċaw jinħlew fuq sorveljanza tal-prostituti mill-Pulizija[3] minflok f'servizzi ta' saħħa sesswali, emozzjonali u ta' sostenn għal dawk li jridu jieqfu mill-prostituzzjoni. Rapport ta' Amnesty International jelenka l-falliment tal-Mudell Nordiku fin-Norveġja, fosthom żieda fil-vjolenza kontra l-prostituti u żieda fir-riskji li jittieħdu mill-prostituti biex jaħarbu mis-sorveljanza tal-pulizija[4]. Il-Mudell Nordiku jassumi li kull min joffri s-sess għall-flus huwa dejjem sfurzat li jagħmel hekk.

Il-prostituzzjoni għandha titqies mil-lat soċjali u ta' saħħa, kemm fiżika u emozzjonali milli biss u dejjem mil-lenti tal-liġi kriminali. L-emfasi tal-politika dwar il-prostituzzjoni għandha tkun fuq servizzi ta' sapport li jkun aċċessibbli f'kull ħin. Hemm bżonn li r-riżorsi u azzjoni mill-forzi tal-ordni jintużaw għal investigazzjoni ta' atti kriminali bħall-vjolenza u t-traffikar.

Din is-silta minn rapport tan-Nazzjonijiet Magħquda temfasizza l-bżonn ta' politika soċjali ta' *harm reduction*, lil'hinn mill-kriminalizazzjoni tal-prostituti jew tal-klijenti tagħhom:

> *"In many countries, laws, policies, discriminatory practices, and stigmatizing social attitudes drive sex work underground, impeding efforts to reach sex workers and their clients with HIV prevention, treatment, care and support programmes. Sex workers frequently have insufficient access to adequate health services; male and female condoms and water-based lubricants; post-exposure prophylaxis following unprotected sex and rape; management of sexually transmitted infections, drug treatment and other harm reduction services; protection from violence and abusive work conditions; and social and legal support. Inadequate service access is often compounded by abuse from law enforcement officers."*[5]

## X'hemm nieqes fid-dokument ta' konsultazzjoni?

Nemmnu li għandhom jiġu ikkunsidrati dawn it-temi f'aktar dettall biex il-politika dwar it-traffikar tal-persuni u l-prostituzzjoni tkun infurmata minn riċerka fil-kuntest lokali:

- Ir-relazzjoni bejn il-migrazzjoni, it-traffikar tal-persuni u x-xogħol sfurzat;
- Il-welfare state u min jirrikorri għall-prostituzzjoni;
- Id-definizzjonijiet ta' stupru, vjolenza sesswali u fastidju sesswali fil-liġi kriminali, humiex aġġornati u ċari biżżejjed għaż-żminijiet tal-lum.

---

[3] 'The Swedish Law to Criminalize Clients: A Failed Experiment in Social Engineering', Ann Jordan, Center for Human Rights and Humanitarian Law, Issue Paper 4, American University Washington College of Law, April 2012, https://www.nswp.org/sites/nswp.org/files/Swedish%20Law%20to%20Criminalise%20Clients_A%20Failed%20Experiment%20in%20Social%20Engineering_2012.pdf

[4] 'The Human Cost of 'Crushing' the Market: Criminalization of Sex Work in Norway', Amnesty International,May 2016, https://www.amnestyusa.org/files/norway_report_-_sex_workers_rights_-_embargoed_-_final.pdf

[5] https://www.unaids.org/sites/default/files/sub_landing/files/JC2306_UNAIDS-guidance-note-HIV-sex-work_en.pdf , p.5.

**Rakkomandazzjonijiet**

Kif enfasizzat aktar 'il fuq il-politika dwar t-traffikar tal-persuni għandha tiffoka fuq il-ġlieda kontra x-xogħol furzat, l-iskajvitu sesswali u vjolenza u abbuż tal-minuri. Is-saħħa u s-sigurtaà tal-vittmi għandha tkun prijorita'.

Il-politika dwar il-prostituzzjoni għandha tiffoka fuq servizzi komprensivi aċċessibbli faċilment, inkluż permezz tal-internet. Il-politika dwar il-prostituzzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' *harm reduction* u għandha tħares lejn it-tema minn aspett soċjali u mhux kriminali.

Għandu jkun hemm riċerka komprensiva u dettaljata dwar il-prostituzzjoni fil-forom kollha tagħha fil-kuntest Malti. L-ilħna ta' dawk involuti fil-prostituzzjoni huma importanti fit-tfassil ta' politika effettiva. Il-politika dwar il-prostituzzjoni għandha tkun flessibbli u riveduta kull tant żmien minħabba l-bidliet li jseħħu tul is-snin fil-fasla tas-soċjeta'. Ir-riċerka għandha tinkludi studju dwar l-effetti ta' liġijiet u politika relatati mal-prostituzzjoni fuq il-prostituti, l-klijenti tagħhom u fuq il-vittmi tat-traffikar. B'hekk il-politika u l-liġijiet dwar dawn it-temi jkunu jistgħu jinżammu aġġornati.

Il-programmi ta' sostenn għal persuni vulnerabbli u dawk li jinqabdu fl-iskjavitu' modern, inkluż forom ta' prostituzzjoni furzata, għandhom ikunu bbażati fuq riċerka u parteċipazzjoni tal-persuni involuti u affettwati.

Ir-realta' hija li xi persuni inkluż nisa, irġiel u persuni ta' kull ġeneru ieħor jistgħu jiddeċiedu minn jeddhom li jibqgħu fil-prostituzzjoni. Dawn xorta għandu jkollhom servizzi ta' saħħa u ta' protezzjoni minn kull tip ta' vjolenza flimkien ma' għajnuna oħra soċjali meta jħossu l-bżonn tagħhom.